**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 1 Il-Ġens u l-Identita` – *Snajja' u Xogħol il-Maltin* – Paul P. Borg

L-użu ta' dirgħajn il-ħaddiem, il-kilba fil-bniedem għal dak kollu li hu sabiħ, il-ħerqa għall-bidliet u l-għira għal tfassil ta' għajxien aħjar, ġiegħlu lill-Malti joħloq dak kollu li aħna llum insejħulu kultura tagħna.

Il-bniedem Malti, barra minn hekk, ġralu bħalma ġralu l-bniedem madwar id-dinja kollha. Fil-kultura tagħna żdiedet il-bixra spiritwali f'għemilu biex biegħdet lill-istess kultura minn sempliċement għemil. Il-kultura m'hix biss attivita`. B'hekk il-kultura stagħniet fit-tifsira tagħha, għax tieħu wkoll il-bniedem ma' l-art u ma' l-ambjent, mal-ġens, mal-ġrajja u mat-twemmin.

Dawn huma l-għeruq universali tal-kultura madwar id-dinja kollha u fl-istess waqt dan hu l-għaliex tintrabat hekk bil-qawwi ma' l-istess identita` tal-grupp jew tal-ġens, għax hu l-grupp ta' dik l-art li qiegħed joħloq ġrajjietu f'dak l-ambjent u f'dak it-twemmin u b'dawk iċ-ċirkustanzi.

Ġens mingħajr identita` m'hu ġens xejn. Ġens mingħajr kultura tiegħu m'hu ġens xejn. Ġens li lest li jqiegħed fil-periklu l-identita` tiegħu hu ġens ta' nies bla sinsla.

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- X'inhu li joħloq il-kultura tagħna.
- Il-kultura għandha dimensjoni ogħla minn sempliċi għemil.
- L-għeruq universali tal-kultura.
- Ġens bla kultura hu ġens bla sinsla.

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI
# 2006
## Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 2 Forom ta' Gvern Lokali fil-Gżejjer Maltin – W. L. Zammit

L-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz tal-Liġi ta' l-1993 mhix l-ewwel forma ta' gvern lokali fil-gżejjer Maltin.

Meta l-ġżejjer tagħna kienu waqgħu f'idejn il-Franċiżi, f'Ġunju ta' l-1798, dawn introduċew forma ta' gvern lokali, li fil-kampanja ftit ħadmet minħabba l-irvell tal-Maltin.

Fl-1800 il-gżejjer Maltin waqgħu f'idejn l-Ingliżi. Taħt il-ħakma Ingliża bejn l-1801 u l-1896 kien hawn bla waqfien forma ta' gvern lokali fil-persuna ta' uffiċjali tal-Gvern, fl-ismijiet ta' Logutenenti, Deputati Logutenenti u Sindki. Barra minn hekk, il-Gvernatur Sir William Reid kien waqqaf numru ta' kunsilli fuq bażi distrettwali, b'responsabbiltajiet partikulari kemm fl-ibliet kif ukoll fl-irħula.

Fl-1961 imbagħad kellna l-introduzzjoni ta' gvern lokali, bit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, li baqa' jiffunzjona sa l-1973.

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Il-Kunsilli Lokali ta' llum mhumiex l-ewwel għamla ta' gvern lokali f'pajjiżna.
- Gvern lokali fi żmien il-Franċiżi.
- Gvern lokali fi żmien l-Ingliżi.
- Il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI
# 2006
# Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

### 3 Għana bħala passatemp – *Mill-Ħajja ta' l-Imgħoddi* – A.F. Attard

Dari, qabel ma daħlu l-mezzi tal-komunikazzjoni u l-istituzzjonijiet soċjali moderni, speċjalment ir-radju, it-*television*, iċ-ċinema, il-każini, it-teatri u l-*grounds* ta' l-isport, il-poplu kien jedha u jgħaddi l-ħin ta' fil-għaxija fil-ħwienet ta' l-inbid.

Hawnhekk dawk miġbura kienu jinfexxu f'divertiment improvviżat. Kienu jaqbdu jgħannu waħda wara l-oħra għad-daqq tal-kitarri, wieħed jirrispondi lill-ieħor, għana spirtu pront imqabbel dak il-ħin stess. Oħrajn kienu jgħannu għanjiet antiki li kienu jkunu jafuhom bl-amment.

Kien hemm żminijiet meta l-għannejja kienu jkunu fl-aqwa tagħhom speċjalment fl-istaġun tal-festi tal-Milied u ta' l-Ewwel tas-Sena, fil-Karnival u f'xi festi tas-sajf, meta xi gruppi ta' daqqaqa u għannejja kienu joħorġu jduru mat-toroq għad-dawl tal-qamar.

Il-mara tad-dar waqt ix-xogħol, il-bidwi waqt il-ħsad, il-bejjiegħ tat-toroq matul ir-ronda tiegħu kienu jgħannu għanjiet qodma biex jgħaddu l-ħin jew jitfgħu xi botta li tkun f'waqtha. X'uħud mill-għanjiet kienu jirriflettu l-ħsus ta' qalbhom, l-iktar fuq l-imħabba lejn dik il-persuna għażiża għalihom.

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Fejn kienu jiddevertu n-nies qabel ma daħlu mezzi moderni.
- X'tip ta' għana kienu jgħannu.
- Żminijiet partikulari meta l-għannejja kienu jkunu fl-aqwa tagħhom.
- Għana waqt ix-xogħol ta' kuljum.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**4** **Il-Gremxul – Philip Camilleri –** mir-rivista: *Biedja u Sajd*

Il-gremxul ta' Malta huma rettili żgħar komuni ħafna fil-gżejjer Maltin. Dawn jeżistu f'erba' razez. Jingħad ukoll li fuq Kemmunett hemm razza oħra u din hi l-iżgħar fosthom. Dawn it-tipi ta' rettili jagħmlu mal-familja *Lacertidae*, gremxul mislut u b'denbhom twil. Dawn l-annimali żgħar iħobbu s-sħana tant li fix-xhur kesħin jistaħbew u joħorġu biss jieħdu ftit xemx fil-ħinijiet ta' nofsinhar.

Il-gremxul ta' Malta huma speċi endemika għall-gżejjer Maltin, u għal żewġ gżejjer żgħar Taljani. Iżda kull razza li tinsab fil-gżejjer Maltin hija endemika għal dik il-gżira li tinsab fuqha.

Ir-razza ta' Malta hija dik ħadranija, kultant ittikkjata bl-isfar, u hi komuni ħafna fuq Malta, Għawdex u Kemmuna. Matul il-jum fil-ħemda tas-sajf, ġor-raba' taħt xemx qalila, tilmaħ l-aktar din il-gremxula, tixxemmex fuq xi zokk ta' siġra, fuq xi ħajt tas-sejjieħ jew tiġri fuq wiċċ il-ħamrija.

Ir-razza ta' Filfla hi l-akbar fid-daqs u l-aktar waħda partikulari. Għandha lewn iswed b'tikek ċelesti fl-aħdar. Ir-razza li tinsab fuq il-Gżejjer ta' San Pawl hi ħadranija b'ħafna kannella. Imbagħad hemm dik li tinsab fuq il-Ħaġra tal-Ġeneral biss. Din għandha lewn ħamrani bi ftit aħdar in-naħa tad-dahar u għandha l-iswed ukoll.

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Ir-razez tal-gremxul ta' Malta u d-drawwiet tagħhom.
- Il-gremxul ta' Malta hu speċl endemika għaliha (u żewġ gżejjer oħra Taljani)
- Karatteristiċi tal-gremxula tipika ta' Malta.
- Karatteristiċi tal-gremxul tal-gżejjer Maltin l-oħra.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **L-Imberkin Ġogi – Dr. Peter Ferry** – mir-rivista *Flimkien*

L-aktar kundizzjoni komuni li jbatu minnha l-ġogi hi bla dubju l-artrite. L-artrite hija ġabra ta' mard li kollha jwasslu għall-infjammazzjoni tal-ġogi. Hemm diversi tipi ta' artrite.

Il-problemi fil-ġogi huma komuni ħafna meta nikbru fl-eta`, madankollu mhux kull min hu anzjan għandu bilfors ikun ibati bl-artrite.

Għal min ibati minn din il-marda, sintomi bħal ġogi li ma jiċċaqilqux bħal qabel, uġigħ u ebusija fil-ġogi huma esperjenza ta' kuljum. L-aktar ġogi affettwati huma dawk li l-aktar jerfgħu piż: id-dahar, il-koxxa, l-irkubbtejn, l-għonq, is-saba' l-kbir ta' l-id u dak tas-sieq.

Peress li meta nikbru fl-eta` nibdew inħossu diversi uġigħat, tajjeb li nikkonfermaw mat-tabib jekk dawn l-uġigħat ikunux artrite jew le. Biex ikun ċert, it-tabib jista' jgħidlek tagħmel xi testijiet tad-demm kif ukoll xi *X-rays* tal-ġogi. Meta l-artrite tidħol aktar fil-fond, jista' jkollna kumplikazzjonijiet oħra u riskju akbar ta' ksur fil-għadam.

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- X'inhi l-artrite.
- Meta tista' tolqotna l-aktar.
- Sintomi tagħha u f'liema partijiet tal-ġisem tattakka l-aktar.
- Kif tkun ikkonfermata l-marda u x'jista' jiġri jekk tidħol fil-fond.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 6 Lura bħall-Granċ? – Vincent Attard – mir-rivista *Flimkien*

Fost l-affarijiet li dejjem affaxxinawni fi nħawi bil-blat fejn il-baħar huma dawk l-għadajjar żgħar u l-ħlejjaq li wieħed isib fihom. Iżda forsi l-aktar annimali li wieħed jinnota f'dawn il-postijiet huwa bla dubju ta' xejn il-granċ.

Il-ġranċijiet huma krustaċji għax għandhom qoxra iebsa minflok għadam. Fil-gżejjer Maltin wieħed jista' jinnota madwar 60 speċi ta' granċijiet differenti. Forsi l-aktar komuni li nsibu huwa l-granċ tax-xatt.

Dan hu tassew interessanti għax kapaċi jimxi mhux biss 'il quddiem jew lura, imma wkoll laġenba! Dan il-manuvrar kollu jippermetti lil dan il-granċ li jidħol fi xquq tal-blat fejn jista' jistaħba jew jidħol biex isib l-ikel. Ħaġa oħra ta' interess hija li dan il-granċ tax-xatt għandu forma ċatta ħafna u għalhekk ikun jista' jidħol anki fi xquq baxxi ħafna.

L-espressjoni Maltija hija: *lura bħall-granċ.* Imma jien persważ li dan l-annimal fil-mixja biss imur lura, għax kapaċi jaddatta ruħu sew għall-ambjent li jkun fih.

Wieħed irid jgħid ukoll li l-granċijiet ġeneralment jinstabu fejn il-baħar ikun nadif, għax dan l-annimal huwa sensittiv ħafna għat-tinġis fil-baħar.

**Punti Ewlenin** ***(Gwida)***

- Fejn l-aktar li jinstab il-granċ.
- Hemm sittin speċi ta' dawn il-krustaċji f'Malta.
- Karatteristiċi tal-granċ tax-xatt.
- L-espressjoni Maltija u l-kapaċita` ta' l-addattament tal-granċ.
- Il-ġranċ u t-tinġis fil-baħar.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Taħdita**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u cassettes li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI**

- Mit-tiftix u l-istudju li għamilt, x'inhu għalik il-folklor u b'mod partikulari, meta nitkellmu fuq il-folklor Malti?
- Semmi xi aspetti li ġeneralment huma meqjusin li jagħmlu sehem mill-folklor Malti.
- Tkellem fil-qosor dwar xi wħud mill-aspetti tal-folklor Malti li għamilt tiftix jew li qrajt dwarhom jew li smajt b'xi mod ieħor bihom?
- Kif tqabbel dak li għadek kif semmejt (rigward numru 3) ma' l-istess aspett / aspetti tal-ħajja f'pajjiżna llum?

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Taħdita** |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u cassettes li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA**

- Semmi xi aspetti li fl-opinjoni tiegħek jifformaw parti mill-kultura tagħna l-Maltin ta' llum.

- Tara xejn differenzi bejn il-mod ta' kif il-Maltin tal-lum jaqilgħu l-għajxien tagħhom, u l-livell tal-ħajja (*standard of living*) tagħhom, u ngħidu aħna, dak ta' ta' meta l-ġenituri tiegħek kienu daqsek?

- Jekk inti dilettant tal-mużika, x'taf tgħidilna fuq il-mużika ta' żmienna u kif din tixbah jew le lil dik ta' ġenerazzjoni ilu, jew lil dik folkloristika jew lil dik klassika. (Hawn tista' taqbad u tkompli tiżviluppa fuq ġeneri ta' mużika differenti: orkestri, gruppi, baned, solisti, strumenti u l-bqija.)

- Minn dak li studjajt fl-iskola jew mod ieħor, tara differenzi fix-xogħol ta' kittieba Maltin ta' l-imgħoddi bħal Dun Karm, Ġorġ Pisani jew oħrajn u dawk ta' żmienna bħal Victor Fenech, Kilin u oħrajn?

- Kull ma jmur, f'Malta l-bini dejjem jiżdied u jogħla. X'differenzi tara bejn il-bini ta' llum u dak aktar antik: djar, lukandi, knejjes, skejjel, uffiċini, appartamenti u l-bqija?

- Semmi b'eżempji, id-differenzi li jidhirlek li tara bejn il-modi ta' divertiment tal-Maltin ta' llum u dawk ta' xi żmien ilu.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi — MALTI — L-Oral - Taħdita**

**(Karta ta' l-Eżaminatur)**

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u cassettes li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA**

- Agħti tagħrif ħafif dwar dawk l-elementi li jiffurmaw il-Malti bħala l-lingwa li nitkellmu llum.
- Taħseb li, bil-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, qed ikun hemm influwenzi ħżiena inkella tajbin fuq il-lingwa Maltija? Għid għaliex.
- Fl-ilsien Malti fi żmienna, xejriet ġodda ta' ħajja, u aspetti oħra, bħat-teknoloġija ta' l-informatika jew l-isport, qed inisslu fil-lingwa reġistri speċjalizzati ta' vokabularju? X'taf tgħid fuq dan u agħti eżempji.
- X'importanza għandu jew jista' jkollu għalina l-Maltin it-tagħlim ta' lingwi oħra? Tista' tieħu xi lingwa li studjajt inti stess bħala eżempju.
- Taħseb li l-ilsien Malti llum jaqdina f'kull bżonn li jista' jkollna fil-ħajja ta' llum? Iddiskuti.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-istudent)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 1 Il-Ġens u l-Identita` – *Snajja' u Xogħol il-Maltin* – Paul P. Borg

L-użu ta' dirgħajn il-ħaddiem, il-kilba fil-bniedem għal dak kollu li hu sabiħ, il-ħerqa għall-bidliet u l-għira għal tfassil ta' għajxien aħjar, ġiegħlu lill-Malti joħloq dak kollu li aħna llum insejħulu kultura tagħna.

Il-bniedem Malti, barra minn hekk, ġralu bħalma ġralu l-bniedem madwar id-dinja kollha. Fil-kultura tagħna żdiedet il-bixra spiritwali f'għemilu biex biegħdet lill-istess kultura minn sempliċement għemil. Il-kultura m'hix biss attivita`. B'hekk il-kultura stagħniet fit-tifsira tagħha, għax tieħu wkoll il-bniedem ma' l-art u ma' l-ambjent, mal-ġens, mal-ġrajja u mat-twemmin.

Dawn huma l-għeruq universali tal-kultura madwar id-dinja kollha u fl-istess waqt dan hu l-għaliex tintrabat hekk bil-qawwi ma' l-istess identita` tal-grupp jew tal-ġens, għax hu l-grupp ta' dik l-art li qiegħed joħloq ġrajjietu f'dak l-ambjent u f'dak it-twemmin u b'dawk iċ-ċirkustanzi.

Ġens mingħajr identita` m'hu ġens xejn. Ġens mingħajr kultura tiegħu m'hu ġens xejn. Ġens li lest li jqiegħed fil-periklu l-identita` tiegħu hu ġens ta' nies bla sinsla.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudent)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 2 Forom ta' Gvern Lokali fil-Gżejjer Maltin – W. L. Zammit

L-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz tal-Liġi ta' l-1993 mhix l-ewwel forma ta' gvern lokali fil-gżejjer Maltin.

Meta l-ġżejjer tagħna kienu waqgħu f'idejn il-Franċiżi, f'Ġunju ta' l-1798, dawn introduċew forma ta' gvern lokali, li fil-kampanja ftit ħadmet minħabba l-irvell tal-Maltin.

Fl-1800 il-gżejjer Maltin waqgħu f'idejn l-Ingliżi. Taħt il-ħakma Ingliża bejn l-1801 u l-1896 kien hawn bla waqfien forma ta' gvern lokali fil-persuna ta' uffiċjali tal-Gvern, fl-ismijiet ta' Logutenenti, Deputati Logutenenti u Sindki. Barra minn hekk, il-Gvernatur Sir William Reid kien waqqaf numru ta' kunsilli fuq bażi distrettwali, b'responsabbiltajiet partikulari kemm fl-ibliet kif ukoll fl-irħula.

Fl-1961 imbagħad kellna l-introduzzjoni ta' gvern lokali, bit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex, li baqa' jiffunzjona sa l-1973.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-istudent)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **Għana bħala passatemp –** *Mill-Ħajja ta' l-Imgħoddi* **– A.F. Attard**

Dari, qabel ma daħlu l-mezzi tal-komunikazzjoni u l-istituzzjonijiet soċjali moderni, speċjalment ir-radju, it-*television*, iċ-ċinema, il-każini, it-teatri u l-*grounds* ta' l-isport, il-poplu kien jedha u jgħaddi l-ħin ta' fil-għaxija fil-ħwienet ta' l-inbid.

Hawnhekk dawk miġbura kienu jinfexxu f'divertiment improvviżat. Kienu jaqbdu jgħannu waħda wara l-oħra għad-daqq tal-kitarri, wieħed jirrispondi lill-ieħor, għana spirtu pront imqabbel dak il-ħin stess. Oħrajn kienu jgħannu għanjiet antiki li kienu jkunu jafuhom bl-amment.

Kien hemm żminijiet meta l-għannejja kienu jkunu fl-aqwa tagħhom speċjalment fl-istaġun tal-festi tal-Milied u ta' l-Ewwel tas-Sena, fil-Karnival u f'xi festi tas-sajf, meta xi gruppi ta' daqqaqa u għannejja kienu joħorġu jduru mat-toroq għad-dawl tal-qamar.

Il-mara tad-dar waqt ix-xogħol, il-bidwi waqt il-ħsad, il-bejjiegħ tat-toroq matul ir-ronda tiegħu kienu jgħannu għanjiet qodma biex jgħaddu l-ħin jew jitfgħu xi botta li tkun f'waqtha. X'uħud mill-għanjiet kienu jirriflettu l-ħsus ta' qalbhom, l-iktar fuq l-imħabba lejn dik il-persuna għażiża għalihom.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudent)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

### 4 Il-Gremxul – Philip Camilleri – mir-rivista: *Biedja u Sajd*

Il-gremxul ta' Malta huma rettili żgħar komuni ħafna fil-gżejjer Maltin. Dawn jeżistu f'erba' razez. Jingħad ukoll li fuq Kemmunett hemm razza oħra u din hi l-iżgħar fosthom. Dawn it-tipi ta' rettili jagħmlu mal-familja *Lacertidae*, gremxul mislut u b'denbhom twil. Dawn l-annimali żgħar iħobbu s-sħana tant li fix-xhur kesħin jistaħbew u joħorġu biss jieħdu ftit xemx fil-ħinijiet ta' nofsinhar.

Il-gremxul ta' Malta huma speċi endemika għall-gżejjer Maltin, u għal żewġ gżejjer żgħar Taljani. Iżda kull razza li tinsab fil-gżejjer Maltin hija endemika għal dik il-gżira li tinsab fuqha.

Ir-razza ta' Malta hija dik ħadranija, kultant ittikkjata bl-isfar, u hi komuni ħafna fuq Malta, Għawdex u Kemmuna. Matul il-jum fil-ħemda tas-sajf, ġor-raba' taħt xemx qalila, tilmaħ l-aktar din il-gremxula, tixxemmex fuq xi zokk ta' siġra, fuq xi ħajt tas-sejjieħ jew tiġri fuq wiċċ il-ħamrija.

Ir-razza ta' Filfla hi l-akbar fid-daqs u l-aktar waħda partikulari. Għandha lewn iswed b'tikek ċelesti fl-aħdar. Ir-razza li tinsab fuq il-Gżejjer ta' San Pawl hi ħadranija b'ħafna kannella. Imbagħad hemm dik li tinsab fuq il-Ħaġra tal-Ġeneral biss. Din għandha lewn ħamrani bi ftit aħdar in-naħa tad-dahar u għandha l-iswed ukoll.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI**
**2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudent)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **L-Imberkin Ġogi – Dr. Peter Ferry –** mir-rivista *Flimkien*

L-aktar kundizzjoni komuni li jbatu minnha l-ġogi hi bla dubju l-artrite. L-artrite hija ġabra ta' mard li kollha jwasslu għall-infjammazzjoni tal-ġogi. Hemm diversi tipi ta' artrite.

Il-problemi fil-ġogi huma komuni ħafna meta nikbru fl-eta`, madankollu mhux kull min hu anzjan għandu bilfors ikun ibati bl-artrite.

Għal min ibati minn din il-marda, sintomi bħal ġogi li ma jiċċaqilqux bħal qabel, uġigħ u ebusija fil-ġogi huma esperjenza ta' kuljum. L-aktar ġogi affettwati huma dawk li l-aktar jerfgħu piż: id-dahar, il-koxxa, l-irkubbtejn, l-għonq, is-saba' l-kbir ta' l-id u dak tas-sieq.

Peress li meta nikbru fl-eta` nibdew inħossu diversi uġigħat, tajjeb li nikkonfermaw mat-tabib jekk dawn l-uġigħat ikunux artrite jew le. Biex ikun ċert, it-tabib jista' jgħidlek tagħmel xi testijiet tad-demm kif ukoll xi *X-rays* tal-ġogi. Meta l-artrite tidħol aktar fil-fond, jista' jkollna kumplikazzjonijiet oħra u riskju akbar ta' ksur fil-għadam.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2006**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Istudent)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Lura bħall-Granċ? – Vincent Attard –** mir-rivista *Flimkien*

Fost l-affarijiet li dejjem affaxxinawni fi nħawi bil-blat fejn il-baħar huma dawk l-għadajjar żgħar u l-ħlejjaq li wieħed isib fihom. Iżda forsi l-aktar annimali li wieħed jinnota f'dawn il-postijiet huwa bla dubju ta' xejn il-granċ.

Il-ġranċijiet huma krustaċji għax għandhom qoxra iebsa minflok għadam. Fil-gżejjer Maltin wieħed jista' jinnota madwar 60 speċi ta' granċijiet differenti. Forsi l-aktar komuni li nsibu huwa l-granċ tax-xatt.

Dan hu tassew interessanti għax kapaċi jimxi mhux biss 'il quddiem jew lura, imma wkoll laġenba! Dan il-manuvrar kollu jippermetti lil dan il-granċ li jidħol fi xquq tal-blat fejn jista' jistaħba jew jidħol biex isib l-ikel. Ħaġa oħra ta' interess hija li dan il-granċ tax-xatt għandu forma ċatta ħafna u għalhekk ikun jista' jidħol anki fi xquq baxxi ħafna.

L-espressjoni Maltija hija: *lura bħall-granċ.* Imma jien persważ li dan l-annimal fil-mixja biss imur lura, għax kapaċi jaddatta ruħu sew għall-ambjent li jkun fih.

Wieħed irid jgħid ukoll li l-granċijiet ġeneralment jinstabu fejn il-baħar ikun nadif, għax dan l-annimal huwa sensittiv ħafna għat-tinġis fil-baħar.